**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 72/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 24.**

**Christian Borg (KI 315493M) ezercenti l-kummerc**

**taht l-isem ta' Goldcar Malta**

**ta' Malta International Airport**

**Luqa**

**Vs**

**Hispanicmaltese Trading Import & Export Limited (C-63019)**

**G17, St Anthony Street,**

**San Gwann SGN 1434**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fis-16 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu talab li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallsu s-somma ta' elf seba' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u sebghin centemzu (€1,764.75c) liema ammont huwa konsistenti fl-ammont ta' disa' mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€989.83c) hekk kif jista jigi verifikat mill-fattura numru 0431 annessa u mmarkata Dok A u l-ammont ta'

seba’ mija u erbgha u sebghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€774.92c) hekk kif jista jigi verifikat mill-fattura nru 0472 anness u mmarkata Dok B liema servizzi huma konsistenti u relatati ma’ kiri ta’ diversi karozzi fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li hadd mis-socjeta’ konvenuta ma deher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirrizulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lill-attur s-somma ta’ elf seba’ mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,764.75c) bl-imghax legali jiddekorri kwantu ghall-ammont ta’ disa’ mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€989.83c) mid-data ta’ fattura dok ‘A’ u kwantu ghall-ammont ta’ seba’ mija u erbgha u sebghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€774.92c) mid-data tal-fattura Dok ‘B’ kwantu sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2065/2017 huma a kariku tas-socjeta’ konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**